# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 965

KAZ NRU. 1189

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Saviour Galea

u

Group 4 Securitas (Malta) Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 12 t'Awissu, 1998

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

## 1. INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 14 ta' Novembru, 1997 Ref. MHS/T1/82/97 biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm ghaxar seduti.

Is-sur Saviour Galea li minn issa jidher bhala l-"appellant" kien assistit mill-avukat Peter Fenech u ghall-Group 4 Securitas (Malta) Ltd li minn issa 'l quddiem tidher bhala l-kumpanija kienet rapprezentata mis-sur Joseph Cuschieri u mis-sur Ray Attard assistiti mill-avukatessa Audrey Demicoli LL.D.

2. **XHIEDA**

| | | | |
|---|---|---|---|
| (i) | Is-Sur Ray Attard | - | Managing Director |
| (ii) | Is-Sur Josef Cuschieri | - | Direttur |
| (iii) | Is-sur Ray Allen | - | Ass. Manager |
| (iv) | Is-sur Anthony Zammit | - | Ass. Manager |
| (v) | Is-Sur Paul Bonnett | - | Operations Manager |
| (vi) | Is-Sur Saviour Galea | - | L-appellant<br>ex-Operations Manager |
| (vii) | Is-Sur Godfrey Lopez | - | Ex-Operations Manager |

3. **DOKUMENTI**

Minbarra l-istqarrija tal-kaz u s-sottomissjonijiet finali gew ipprezentati dawn id-dokumenti :-

(i) Certifikat tat-Temm tal-Impjieg ta' l-appellant;
(ii) Industrial Agreemnet bejn il-Group 4 u l-U.H.M.;
(iii) Organisation Structure;
(iv) Estratt mill-Malta Independent u In-Nazzjon datati 17 ta' Jannar, 1998;
(v) Position Description;
(vi) Zewg ittri mibghuta mill-Group 4 ghas-sur Ray Allen, ohra lis-sur Tonio Zammit, u ohra lis-sur Saviour Galea;
(vii) Internal Memorandum datat 6 t'Ottubru, 1997;
(viii) Zewg dokumenti dwar il-Labour Force 1990/3 u 1994/8;
(ix) Zewg adverts ta' mpjieg;
(x) Applikazzjoni ghall-impjieg;
(xi) Erbatax-il risposta ghall-applikazzjoni ghall-impjieg;
(xii) Estratt mill-International Magazine.

4. **SOTTOMISSJONIJIET**

L-appellant ikkontenda li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu ma setghetx kienet minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tas-Socjeta' ghax kieku ma kienux jimpjegaw individwi minn barra izda jimlew il-postijiet internament. Stqarr ukoll li ma kienx minnu ghax naqas ix-xoghol, ghax ir-rostering ghadu jsir manwali minkejja li s-Socjeta' tghid li dan sejjer isir bil-computer. Sostna wkoll li kien hemm persuna ohra bhala Manager li gie mpjegat hafna zmien warajh.

Is-Socjeta' sostniet li r-redundancy ta' l-appellant giet necessitata minhabba sitwazzjon prekarja kawzata minn nuqqas ta' kuntratti li geghlu lis-Socjeta' tillicenzja numru konsiderevoli ta' part-time guards, u ezercizzju ta' ri-organizazzjoni, li naqqas il-bzonn ta' "rostering" manwali u ma kienx baqa' l-istess ammont ta' *supervision* ghall-"guarding duties".

Is-Socjeta' qalet li d-decizjoni biex jigi kunsidrat redundant l-appellant kienet bazata bazikament fuq in-nuqqas ta' xoghol li kien jaghmel l-appellant.

Is-Socjeta' argumentat li d-doveri tal-Operations Manager in charge ghal Cash in Transit u Vaulting kienu kompletament differenti minn dawk li kellu l-appellant bhala Operations Manager responsabbli ghall-"Guarding".

Intqal li l-impjegar tal-Operations Manager responsabbli ghal C.I.T. u Vaulting kien bhala rizultat ta' rikomandazzjoni u/jew ordni tal-Parent Company wara l-avveniment tal-hold up fil-premises tas-Socjeta'.

## 5. **KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' Saviour Galea tinvolvi decizjoni minn dan it-Tribunal jekk din tammontax ghall-"redundancy" jew le. Jekk jirrizulta li kienet minhabba "redundancy" allura dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza jisma' u jiddeciedi l-kaz; jekk le, irid jikkunsidra u jiddeciedi jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg kinitx ghall-raguni tajba u sufficcjenti skond il-ligi.

Skond is-Socjeta', t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kienet parti minn ezercizzju biex tigi stabbilizzata s-sitwazzjoni finanzjarja tas-Socjeta', wara li fil-bidu tal-1997 naqas ix-xoghol li kienet tottjeni, sitwazzjoni li baqghet tippersisti sa l-ahhar xhur ta' l-istess sena.

Din is-sitwazzjoni stqarret is-Socjeta' kkagunat il-licenzjament ta' numru konsiderevoli ta' mpjegati li per konsegwenza rrendiet necessarju revizjoni tal-postijiet supervissorji u manigerjali, kwindi r-rizultat fir-redundancy ta' l-appellant Galea.

Barra minnhekk, ikkontendiet is-Socjeta' x-xoghol ta' l-appellant naqas ukoll minhabba li ir-"Rostering" li kien jaghmel l-appellant kellu jibda jsir bil-computer minn membri ohra tal-Management.

It-Tribunal irid jirrimarka li waqt li hu minnu li nuqqas fin-numru tal-impjegati subordinati jista' jitlob revizzjoni jew tnaqqis fin-numri tas-supervisors u/jew Managers, dan ma hux, kif diga esprima ruhu it-Tribunal f'okkazzjonijiet ohra, l-uniku kriterju biex jigi determinat ir-redundancy ta' supervisors u/jew Manager, fejn ir-responsabbilta' tkun titlob kunsiderazzjoni u decizjoni differenti.

Dan qieghed jigi osservat ghax kien argument tas-Socjeta' ghas-sostenn tal-kaz taghha mhux ghax ghandu mportanza determinanti fil-kaz odjern fil-konsiderazzjoni tat-Tribunal dwar il-meriti tar-"redundancy".

It-Tribunal ikkunsidra wkoll l-ispjegazzjoni tas-Socjeta' dwar id-decizjoni li tittermina l-impjieg ta' l-appellant. F'dan ir-rigward, it-Tribunal innota li s-Socjeta' ma ppruvatx u lanqas staqsiet lill-appellant jekk kienx ippreparat jigi allokat id-doveri tal-C.I.T. (Cash in Transit) u Vaulting.

Innota wkoll li dan ma sarx ghax il-Manager li kien inkarigat minn dawn id-doveri kien meqjus konversanti u abbli f'dan ix-xoghol wara li kien serva ma' l-istess Socjeta' fl-Awstralja u peress li kien gie rikomandat biex jigi mpjegat jekk mhux ukoll b'ordni lis-Socjeta' lokali mill-Parent Company.

It-Tribunal josserva li l-Manager li huwa inkarigat mill-C.I.T. u Vaulting gie mpjegat mas-Socjeta' fl-1 ta' Dicembru 1996 waqt li l-appellant, Manager bhalu kien gie mpjegat fil-bidu tal-1990.

It-Tribunal ma ghandu l-ebda interess jindahal fil-procedura tal-ingaggar tal-impjegati taghha, ghajr li f'kazi ta' "redundancy" bhal fil-kaz odjern il-procedura addottata trid tkun konformi mal-Ligi immaterjali jekk l-impjieg kienx bhala rizultat ta' rikomandazzjoni jew ordni minn Parent Company estera.

It-Tribunal ma ghandux ghax jiddubita mir-raguni tas-Socjeta' u r-"redundancies" ta' numru konsiderevoli ta' mpjegati kienu kkagunati minn sitwazzjoni finanzjarja preokkupanti.

Izda, l-kompitu ta' dan it-Tribunal hu li jiddeciedi jekk il-procedura addottata fil-kaz ta' l-appellant kinitx kif stipulata fil-ligi.

6. **DECIZJONI**

Wara li ra u kkunsidra l-iStatements of Case tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijiet addizzjonali tal-partijiet, ikkunsidra l-fatti u c-cirkostanzi kollha dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, it-Tribunal isib li meta s-Socjeta' Group 4 Securitas (Malta) Ltd itterminat l-impjieg tal-appellant Saviour Galea abbazi ta' "redundancy" is-Socjeta' msemmija ma aderixittx mal-Art. 34(4) tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti :

> "Meta principal ikun bi hsiebu jtemm l-impjieg ta' mpjegat minhabba *redundancy,* hu ghandu jtemm l-impjieg ta' dik il-persuna li tkun impjegata l-ahhar fil-klassi milqut minn dik ir-*redundancy.*"

u li ghalhekk it-terminazzjon ta' l-impjieg ta' l-imsemmi appellant ma tikkwalifikax bhala "redundancy" galadarba l-appellant ma kellux jkun il-persuna li sfat "redundant" skond l-istess Artiklu citat hawn fuq.

Per konsegwenza, t-Tribunal vestit bl-Awtorita' li ghandu l-kompitu jiddeciedi dan il-kaz, jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant Saviour Galea ma kinitx ghall-raguni tajba u sufficcjenti skond il-Ligi.

Ghaldaqstant jiddeciedi u jordna li s-Socjeta' Group 4 Securitas (Malta) Ltd ghandha thallas kumpens lill-appellant

Saviour Galea fis-somma ta' Hames t'elef, mitejn u wiehed u tletin liri Maltin u tmienja u sittin centezmu. (Lm5,231.68c).

It-Tribunal jordna li dan il-kumpens ghandu jithallas f'zewg "installments" ugwali ta' elfejn sitt mija u hmistax liri maltin u erbgha u tmenin centezmi (Lm2,615.84c). fl-ewwel "installment" mhux aktar tard mit-12 ta' Settembru, 1998 u t-tieni "installment" mhux aktar tard mit-12 t'Ottubru, 1998.

Ghall-finijiet ta' drittijiet li jithallsu skond AL 48 tal-1986, it-Tribunal qieghed jiffissa dawn f'Erbghin Liri Malitn (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

---------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

--------------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg